MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 484/2009

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv
numru 1618/07 fl-ismijiet:**

**Panta Marketing and Services Ltd (C 4233)**

**Vs**

**Euro Chemie Products Ltd (C 5627)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami a tenur tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li bih is-socjeta' rikorrenti 'Euro Chemie Products Ltd' wara li ppremettiet illi s-socjeta' kreditrici talbet u ottjeniet il-hrug ta' dan il-mandat ta' qbid ezekuttiv fil-21 ta' Gunju 2007 kontra s-socjeta' debitrici wara s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi tad-29 ta' Marzu 2007. Sussegwentment, il-mandat gie ezegwit fil-fond maghruf bhala 'Tal-Handaq

Cold Stores' fil-Qasam Industrijali tal-Handaq fit-8 t'Awissu 2007.

Illi dan il-mandat ta' qbid ezekuttiv inhareg fl-ammont ta' tlett elef mitejn u hamsa u tletin lira 10 centezmi (Lm3235.10) u cioe', elf tminn mija u sitta u sebghin lira 46 centezmu oltre tal-kawza msemmija, elf u sebgha u sebghin lira 95 centezmu (Lm1,077.95) imghax u mitejn u sebgha u hamsin lira 17-il centezmu (Lm257.17) spejjez legali skond taxxa ta' l-ispejjez allegata bhala Dok 'A' kif ukoll tlieta u ghoxrin lira 52 centezmu (Lm23.52) taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet legali.

Illi dana l-mandat ta' qbid ezekuttiv fih bosta irregularitajiet.

Illi fl-ewwel lok, it-taxxa ta' l-ispejjez allegata bhala Dok 'A' qatt ma'giet notifikata lis-socjeta' intimata ai termini tal-artikolu 253© u 256(2) tal-Kap. 12 u ghaldaqstant, tali taxxa ma tikkostitwiex titolu ezekuttiv ai fini tal-ligi.

Illi fit-tieni lok, il-kreditur ezekutant ma pprezenta l-ebda rezokont tal-imghax dovut lilu mis-socjeta' intimata u ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti m'hijiex f'posizzjoni tivverifika jekk l-imghax reklamat huwiex realment dovut jew le sad-data tal-prezentata ta' dan il-mandat.

Illi inoltre r-rikors ghal hrug tal-mandat ta' qbid odjern hu irritwali peress illi kien fih bosta korrezzjonijiet illi ma' gewx awtorizzati mir-Registratur ta' dina l-Onorabbli Qorti kif jiddisponi l-artikolu 176(1) tal-Kap 12. Illi l-kliem tas-sorte gew mibdula minghajr tali awtorizzazzjoni qabel il-prezentata kif titlob il-ligi u aktar serjament, il-post tal-ezekuzzjoni gie mibdul wara l-prezentata minghajr tali awtorizzazzjoni. Illi fi kwalunkwe kaz, tali korrezzjoni qatt ma setghet tinghata mir-Registratur ta' dina l-Onorabbli Qorti peress illi s-socjeta' kreditrici ma' setghet qatt tbiddel il-post tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid odjern minghajr l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Illi dawn l-irregolarijiet jirrendu dan il-mandat ta' qbid ezekuttiv null ghax kif inhu ben not, id-disposizzjonijiet tal-

ligi tal-procedura huma meterja ta' ordni pubbliku u wiehed ma jistax jiddipartixxi minnhom minghajr ma jinkorri nullita' (ara Qorti Civili Prim'Awla fl-ismijiet 'Roberto Carlos Calleja vs Annot Co. Ltd (5 ta' Marzu 2009) u 'Noel Bugeja et vs Carmelo sive Lino Bugeja (29 ta' Jannar 2009) kif ukoll Qorti tal-Appell Kummercjali fl-ismijiet 'Antoinette Kissaun nomine vs Lawrence Fenech nomine' (19 ta' Jannar 1989).

Talbet bil-qima, in vista ta' dawn l-irregolaritajiet, illi dina l-Onorabbli Qorti thassar il-mandat ta' qbid ezekuttiv de quo kif tippermetti l-ligi.

Rat id-digriet preliminari moghti mill-Qorti kif diversament presjeduta, fil-21 ta' Mejju 2009 (fol 69 tal-atti).

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata (fol 71 ibid) u li biha ssottomettiet bir-rispett:

Illi permezz ta' rikorsipprezentat fl-20 ta' Mejju, 2009 is-socjeta' rikorrenti Euro Chemie Products Limited talbet '*illi dina l-Onorabbli Qorti thassar il-mandat ta' qbid esekuttiv de quo kif tippermetti l-ligi'*

Illi permezz ta' digriet ta' dina l-istess Onorabbli Qorti, l-esponenti giet akkordata terminu ta' erbat (4) ijiem minn notifika ta' l-imsemmi rikors sabiex tipprezenta r-risposta taghha;

Illi ghaldaqstant l-esponenti, u entru t-terminu lilha prefiss, tissottometti illi ir-rikors intavolat mis-socjeta' Euro Chemie Products Limited fl-20 ta' Mejju, 2009 ghandu jigi michud *in toto*, fl-ispejjez kontra l-istess socjeta rikorrenti, u dana ghas-segwenti ragunijiet:

**a. L-irritwalita tal-procedura adottata mir-rikorrenti:**

(1) Illi preliminarjament ir-rikors intavolat mis-socjeta' rikorrenti huwa irritu u null fil-ligi stante illi huwa bbazat fuq artikolu illi ma jikkontemplax mod jew proceduri dwar kif mandat jew l-esekuzzjoni ta' l-istess tista' tigi attakkata;

(2) Illi preliminarjament ukoll, l-istess premessa hija inkompatibbli mat-talba (cioe', it-thassir tal-mandat odjern), haga illi tirrendi ir-rikors odjern *non sequitur,*
(3) Illi fir-rikors taghha is-socjeta' rikorrenti ppremettiet: 'Rikors tas-socjeta' Euro Chemie Products Ltd (C 5627) ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12.';
(4) Illi l-artikolu citat mis-socjeta' rikorrenti (cioe' l-artikolu 281) jipprovdi:
(i) il-marixxall ghandu jaghti kopja tal-mandat lill-parti li kontra taghha l-mandat ikun hareg, jew lil min ikun jidher ghaliha skond il-ligi.
(ii) Sakemm ma jigix ordnat xort'ohra mill-Qorti, il-marixxall ghandu jaghmel l-esekuzzjoni tal-mandat minghajr dewmien, u meta jlestiha, ghandu jaghti lura lir-registratur il-mandat b'riferta li turi jekk il-mandat kienx esegwit: fl-affermattiv, ir-riferta ghandha turi wkoll id-dettalji ta' l-esekuzzjoni, u fin-negattiv ir-raguni l-ghala l-esekuzzjoni ma saritx.
(iii) Illi fl-istess nifs imbaghad ir-rikorrenti titlob illi dina l-Onorabbli Qorti thassir il-mandat ta' qbid esekuttiv *de quo*'
(iv) Illi ghaldaqstant ir-rikors odjern ma giex biss intavolat abbazi ta' artikolu li ma jitkellimx dwar kif tista' tattakka mandat, izda, in oltre, l-istess rikors jikkontejni inkompatibilitajiet serji tant illi l-istess huwa null fil-ligi;

**b. L-applikabilita' o meno ta' l-artikoli 253(c) u 256(2) tal-Kap 12:**

(1) Illi fir-rikors taghha, ir-rikorrenti tishaq illi l-mandat *de quo* ghandu jithassar minhabba numru ta' irregularijiet, fosthom stante.
Illi fl-ewwel lok, it-taxxa ta' l-ispejjez allegata bhala dok 'A' qatt ma giet notifikata lis-socjeta' intimata ai termini tal-artikolu 253© u 256(2) tal-Kap. 12 u ghaldaqstant, tali taxxa ma tikkostitwix titolu ezekuttiv ai fini tal-ligi.
(2) Illi l-artikolu 253(C) tal-Kap 12 jipprovdi illi *'… taxxi ta' drittijiet u spejjez gudizzjarji, mahruga favur ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit iehor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dan it-taxxi ma jkunux gew attakkati skond il-ligi'* jikkostitwixxu titolu esekuttiv;

(3) Illi r-rikorrenti, erronjament, abbinat dana l-artikolu ma l-artikolu 256(2) li jipprovdi illi: *'L-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv iehor ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju'.*
(4) Illi l-esponenti tissottometti bir-rispett illi l–artikolu 256(2) mhux applikabbli fil-kaz de quo stante illi t-taxxi ufficjali *de quo* kollha jsibu l-gheruq taghhom f'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fejn l-esponenti tkun rebhet kawza bl-ispejjez favoriha. Illi ghaldaqsant l-artikolu applikabli ghat-taxxi ufficjali odjerni huwa l-artikolu 256(1) tal-Kap. 12 (u mhux l-artikolu 256(2), liema artikolu jipprovdi:
Kull sentenza ohra definittiva illi ma tkunx fiha kondizzjonijiet sospensivi, u li tkun tikkundanna lid-debitur ghal hlas ta' somma likwida, jew biex jaghti jew jitlaq haga certa, jew biex jesegwixxi fatt jew obbligu partikolari, hija esegwibbli wara jumejn minn dak in-nhar li tinghata.
(5) Illi ghaldaqstant l-esponenti ma kellha l-ebda obbligu legali illi tinnotifika lir-rikorrenti ai termini ta' l-artikolu 256(2) citat mir-rikorrenti stante illi tali artikolu mhux applikabbli f'dana l-kaz;
(6) Illi m'hemmx dubbju illi t-terminu ta' jumejn ikkontemplat mill-ligi kif premess kien ghadda qabel ma nhareg u beda/kompla jigi esegwit il-mandat odjern;
(7) Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, anke kieku dina l-Onorabbali Qorti kellha tiddipartixxi minn dak stipulat fl-artikolu 256(1) u tapplika l-artikolu 256(2) kif qed tippretendi, erronjament, ir-rikorrenti, tali applikazzjoni ma tfissirx illi t-'taxxa ma tikkostitwix titolu esekuttiv' kif tippretendi ir-rikorrenti! – f'dak il-kaz tali taxxa xorta tkun titolu esekuttiv (kif dal tronde jipprovdi l-artikolu 253©, izda jkun ifisser biss illi dina ma tkunx esegwibbli f'dan l-istadju (cjoe' qabel ma jkun hemm interpellazzjoni ai termini ta' l-artikolu 256(2);

**c. L-irritwalita' tal-mandat odjern?!**

(1) Illi ir-rikorrenti targumenta illi l-mandat *de quo* huwa irritwali stante illi *(a) 'il-kliem tas-sorte gew mibdula minghajr awtorizzazzjoni' u (b) 'il-post ta' l-esekuzzjoni gie mibdul wara l-prezentata minghajr tali awtorizazzjoni';*

(2) Ill r-rikorrenti ghaldaqstant sahqet illi:
… dawn l-irregularijiet jirrendu dan il-mandat ta' qbid ezekuttiv null ghax kif inhu ben not, id-disposizzjonijiet tal-ligi tal-procedura huma materja ta' ordni pubbliku u wiehed ma jistax jiddipartixxi minnhom minghajr ma jinkorri nullita' (ara Qorti Civili Prim'Awla fl-ismijiet 'Roberto Carlos Calleja vs Annot Co. Ltd' (5 ta' Marzu 2009) u 'Noel Bugeja et vs Carmelo sive Lino Bugeja' (29 ta' Jannar 2009) kif ukoll Qorti ta' l-Appell Kummercjali fl-ismijiet 'Antoinette Kissaun nomine vs Lawrence Fenech nomine' (19 ta' Jannar 1989).
(3) Illi l-esponenti tissottometti illi l-mandat ta' qbid odjern gie mahrug u segwit skond il-ligi u ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti illi tali mandat jigi dikjarat null/imhassar kagun taz-zewg punti rilevati mir-rikorrenti (u riprodotti aktar 'il fuq) hija kompletament u totalment infondata;
(4) Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghalkemm huwa minnu illi l-ligijiet procedurali huwa ta' ordni pubbliku, u dan ma jfissirx illi kwalunkwe tip ta' nuqqas procedurali, kemm-il darba dan jigi ppruvat fil-kaz *de quo*, ghandhu necessarjament iwassal ghal nullita/thassir;
(5) Illi in ogni kaz, jigi rilevat illi s-sentenzi kkwotati mis-socjeta' rikorrenti in sostenn tat-tezi taghha kienu jikkontemplaw nuqqasijiet serji ta' procedura – haga illi zgur li mhux il-kaz fil-kaz *de quo* (dejjem jekk tali nuqqas effettivament jezisti);
(6) Illi ulterjorment, l-istess sentenzi kkwotati mir-rikorrenti in sostenn tat-tezi taghha effettivament jimmilitaw favur l-esponenti stante illi dawn is-sentenzi jaghmlu mhux biss distinzjoni bejn nuqqasijiet serji ta' procedura li jkunu jimmeritaw nullita' u nuqqasijiet ohra, (bhal dak fil-kaz *de quo* – kemm il-darba dak allegat mir-rikorrenti jigi ppruvat), fil-kaz ta' liema ma ghandhiex tigi imposta nullita. Illi ulterjorment, l-istess sentenzi kkwotati mill-kontro–parti fir-rikors taghha (b'mod partikolari dik fl-ismijiet Roberto Carlos Calleja vs Annot Co. Ltd) jipprovdu, fuq skorta ta' gurisprudenza precedenti:

Illi f'materja ta' nullita tal-atti – kwistjoni meqjusa bhala wahda odjuza ghal finijiet ta' amministrazzjoni ta' gustizzja – kull nullita' ghandha titqies dejjem bhala l-eccezzjoni u

mhux ir-regola. In-nullita' tal-atti hija sanzjoni estrema li l-ligi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jigi assolutament tollerat bla hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. Att gudizzjarju ghandu jitqies null biss ghal ragunijiet gravi u serji fil-limiti tad-dispozizzjonijiet espressi tal-ligi. Fuq kollox, il-ligi tal-procedura hija mahsuba biex il-kawzi jimxu b'heffa u efficjenza, ekonomija u harsien tal-jeddijiet tad-difiza u tal-principji tal-gustizzja naturali, u m'humiex mahsuba biex joholqu htiegijiet purament formali li jservu biss biex jaghtu lil xi wahda mill-partijiet f'kawza mezz biex tehles milli obbligi taghha jew biex tirbah il-hin. Kull partikolarita li l-ligi trid li tkun 'essenzjali' f'att gudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas taghha jxekkel serjament u irrimedjabilment xi wiehed jew aktar mill-ghanijiet legittimi tal-ligi procedurali hawn imsemmija …

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad ir-rikors pprezentat mir-rikorrenti Euro Chemie Products Limited fl-20 ta' Mejju, 2009 bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti u dana taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet tal-istess Qorti moghti, kameralment, fit-3 ta' Gunju 2009 (fol 75) u li bih gie michud dak mitlub fir-rikors in esami (fol 75 ibid).

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Ottubru 2009 (fol 90 et seq ibid) u li permezz taghha l-ahhar digriet imsemmi gie dikjarat null u bla effett ghax moghti bi ksur tal-artikolu 281, Kapitolu 12.

Rat l-atti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, l-mandat in esami jinsab esebit a fol 8 tal-atti, in fotokopja u mill-istess dokument jirrizulta illi s-socjeta' intimata ottjeniet il-hrug tieghu fil-21 ta' Gunju 2007 in

esekuzzjoni ta' sentenza li biha giet kanonizzata kreditrici fis-somma ta' Lm1876.46 oltre Lm1077.95 bhala imghax u Lm257.17 bhala 'spejjez' skond l-annessa taxxa markata Dok A. In rigward l-istess taxxa, din tinsab esebita a fol 12 tal-istess atti u inharget fid-9 ta' Mejju 2007 (ara ukoll is-sentenza relattiva li tinsab in atti a fol 13 et seq). Dwar il-mandat jidher li dan gie esegwit (fol 19 ibid) fit-8 ta' Awissu 2007. Dan gie segwit minn diversi rikorsi ohrajn u dawn, flimkien mar-risposti u digrieti relattivi jinsabu ukoll annessi minn fol 21 sa fol 66 ibid) sakemm waslu ghal dak in esami a fol 67 ibid presentat fl-20 ta' Mejju 2009.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-lat legali r-rikorrenti qed jibbazah fuq l-artikolu 176(1), 281, 253(c), u 256(2) tal-Kapitolu 12 citat.

Illi l-artikolu 253(a) jelenka t-titoli esekuttivi fosthom 'taxxi ta' drittijiet u spejjez gudizzjarji mahruga favur ta' Avukat, prokuratur legali … meta dawn it-taxxi ma' jkunx gew attakkati skond il-ligi'. Sussegwentement fl-artikolu 256 jinghad illi sentenza, in generali hi esegwibbli wara jumejn mill-jum li tinghata izda '… kull titolu esekuttiv iehor' ma jistax jigi esegwit qabel jumejn u 'ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghal-hlas maghmula b'att gudizzjarju'. Difatti l-ewwel premessa sottomessa mir-rikorrenti tirreferi ghal fatt illi s-socjeta' intimata qatt ma giet notifikata bit-taxxa tal-ispejjes gudizzjarji (Dok A) kif rikjest mill-ligi u ghalhekk ma tikkostitwiex titolu ezekuttiv.

Illi dwar dan il-punt, din il-Qorti tara li stante li skond is-sentenza relattiva, s-socjeta' rikorrenti kienet giet kundannata li thallas, oltre s-sorte, anke l-ispejjes kollha, <u>ma kienx hemm il-htiega 'ad validitatem'</u> illi l-istess socjeta intimata tigi interpellata b'att gudizzjarju specifikatament b'ittra ufficjali, sabiex thallas l-ispejjes in konnessjoni mal-istess sentenza definittiva. F'ftit kliem, is-sentenza in kwistjoni setghet giet esegwita, kemm in rigward is-'sorte' kemm in rigward l-ispejjes konnessi maghha wara jumejn li saret definittiva skond kif ritenut fl-artikolu 256(1) tal-Kodici tal-Procedura Civili. Konsegwentemnt it-talba in esami maghmula fuq dak premess ma tistax tigi akkolta.

'Del resto' jigi rilevat illi jekk ghall-grazzja tal-argument, din il-Qorti kienet taccetta din il-premessa, dan ma kienx jirrisulta fit-thassir tal-mandat in esami 'in toto', kif mitlub izda ghat-thassir ta' dik il-parti tal-mandat li tirreferi ghall-ispejjes biss.

Jigi rilevat illi r-rikorrenti sostna dan il-punt minhabba t-terminu specifikat fil-ligi in rigward l-hekk imsejjha 'kawza ghar-ritassa'. Dwar dan jrid jigi konsidrat l-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jghid illi taxxi ta' spejjes gudizzjarji jsiru mir-Registratur u ma jistghux jigu attakkati wara l-gheluq ta' xahar u dan, ghad-debitur, bhal f'dan il-kaz jibda jiddekorri mill-jum ta' notifika tat-taxxa, b'att gudizzjarju. F'dan il-kaz l-att gudizzju kien l-istess mandat u f'kaz li t-taxxa tal-ispejjes gudizzjarji kellha tigi attakata, it-terminu ghal presentata tar-rikors indikat fl-istess artikolu, beda jidderikorri minn meta gie notifikat l-istess mandat li mieghu kellu t-taxxa annessa mieghu u markata Dok A, kif jinghad fl-istess att.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' intimata qed tilmenta ukoll, dwar nuqqas ta' rezokont tal-imghax dovut fuq is-somma kanonizzata. Dwar dan, il-Qorti nnotat illi, fis-sentenza in esami, jinghad biss illi l-imghaxijiet jithallsu 'skond il-ligi' minghajr ma gie deciz mill-liema data l-istess imghaxijiet kellhom jibdew jiddekorru.

Ghalhekk, il-Qorti rat il-korp tas-sentenza sabiex tara jekk hemmx xi haga li tirreferi ghal dan il-punt. Filfatt, hemm referenza specifikata ghal meta saru l-konsenji tal-prodotti kimici in kwistjoni cjoe Settembru 1999 u Settembru 2000. Premess illi ma hemm ebda dubbju li dan il-kaz kien ta' natura kummercjali bl-imghax jiddekorri mill-konsenja u mhux minn interpellazzjoni permezz ta' att gudizzju, l-ammont ta' imghax, tenut kont tal-perjodu msemmi, u tad-data tal-mandat in esami ghandu jigi ritenut bhala gustifikat.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' intimata tirritjeni li l-mandat hu null minhabba li l-kliem tas-'sorte' gew mibdula minghajr awtorizzazzjoni qabel il-presentatata. L-istess inghad, ukoll, in rigward il-post tal-esekuzzjoni, Bir-rispett kollu, dan li qed jigi ritenut mis-socjeta' intimata seta' jigi sollevat minnha immedjatament wara l-esekuzzjoni tal-istess mandat. Difatti, kif di gja intqal kienu saru diversi rikorsi ohrajn in konnessjoni mal-istess mandat izda ma jidhirx illi dan il-punt gie sollevat. Hu minnu illi jidher li saret bidla kemm f'parti minima tas-sorte kemm fil-post tal-ezekuzzjoni. Pero dan ma hux ta' dik il-gravita jew ta' pregudizzju procedurali fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti li jista jirrisulta fin-nullita tal-atti in esami u ghalhekk l-istess talba ibbasata fuq din il-promessa ghandha tigi michuda ukoll.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba in esami ma ghandha l-ebda bazi fuq hiex tista tigi akkolta. Jigi rilevat, ukoll, illi l-Qorti hadet l-impressjoni illi rikors, bhal dak in esami, gie intavolat biss ghal skop dilatorju. Din il-percezzjoni hi rinforzata mill-fatt illi s-socjeta' intimata ilha sabiex tithallas ghal perjodu pjuttost twil u dan avolja ottjeniet sentenza finali ftit aktar minn tlett (3) snin ilu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba in esami bl-ispejjes kollha jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------